**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Alfred Mallia**

**Kump Nru: 533/2015**

**Illum 9 ta' Mejju 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Alfred Mallia, 50 sena, bin Joseph Carmel u Annie nee Elbourne, imwieled Pieta' nhar it-23 ta' April, 1965 residenti fil-fond numru 50, Triq San Frangisk, Isla detentur tal-karta tal-identita' numru 223565M talli:

F'xi hin matul il-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Ottubru, 2013, ghal habta tas-siegha (01:00hrs) ta' filghodu gewwa 50, Triq San Frangisk, Isla

a. volontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Michaelina Frendo meta mbuttaha t-tarag fejn sofriet ksur go idejha u spalla tal-lemin.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-artikoli 214, 215, 218(1)(a)(b), (2), 202(h), (v), 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikolu 412C, 383, 384, 385 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikoli 17, 20, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputat jinsab akkuzat li kkawza ferita gravi fuq Michaelina Frendo matul il-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Ottubru 2013.

Mill-atti jirrizulta li l-imputat u Michaelina Frendo kellhom relazzjoni li damet ghal xi snin. Mhux kontestat li huma tlewmu u f'dan l-argument il-parte civile sofriet griehi u spiccat rikoverata l-isptar. Dak li huwa kkontestat huwa r-responsabilita' tal-incident.

Id-difiza fit-trattazzjoni taghha staqsiet jekk id-data indikata fic-citazzjoni hiex dik korretta. Ghalhekk jehiteg li tigi trattata din il-kwistjoni. Dak li gara f'dawn il-proceduri kien li fic-citazzjoni originali

d-data tal-incident giet indikata bhala t-18 ta' Ottubru 2013. Fid-9 ta' Marzu 2016 intalbet korrezzjoni ohra u fl-ahharnett fit-18 ta' Jannar 2017 il-prosekuzzjoni talbet il-korrezzjoni mill-gdid u d-data indikata hija li l-allegat reat twettaq matul il-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Ottubru 2013.

Mill-provi rrizulta li Michaelina Frendo marret taghmel rapport l-Ghassa fl-20 ta' Gunju 2015. Hija rrappurtat li fit-18 ta' Ottubru 2013 ghall-habta tas-1.00a.m. gewwa l-fond numru 50, Triq San Frangisk, Isla kellha argument mal-ex-gharus taghha Alfred Mallia u b'kawza ta' dan l-argument l-imputat imbuttaha mill-ispalla u waqghet madwar hames targiet.

Fix-xhieda taghha[1] Michaelina Frendo tirreferi ghall-incident bhala li sehh fit-18 ta' Ottubru ta' sentejn qabel.

Mill-case summary izda[2] jirrizulta li Frendo iddahlet l-isptar fid-9 ta' Ottubru 2013 u giet *discharged* fit-18 ta' Ottubru 2013. Infatti insibu li Frendo *"was admitted from casualty on 9th October 2013 after she allegedly fell down the stairs on her right shoulder"*. Meta imbaghad l-imputat xehed[3] huwa beda x-xhieda tieghu billi qal li l-incident gara fit-8 ta' Ottubru 2013.

Ghalhekk jekk fil-bidu seta' kien hemm xi dubju dwar id-data meta sehh l-incident, ix-xhieda tal-imputat flimkien mal-case summary iccaraw u kkristalizzaw id-data meta sehh l-incident.

Inkwantu ghall-griehi sofferti rrizulta mir-rapport u mix-xhieda tal-espert nominat mill-Qorti Mr Alec Sultana li l-intimata b'kawza tal-waqa' sofriet *"a serious fracture to her dominant right shoulder which required surgical fixation"*. Huwa kkonkluda li *"Taking all factors into consideration, I am of the opinion that she has sustained a fifteen (15%) permanent disability as a direct result of the fall on the 9th October 2013"*.

Inkwantu ghad-determinazzjoni tad-dinamika tal-incident ix-xhieda rilevanti huma ta' Michaelina Frendo u l-imputat. Michaelina Frendo xehdet li hija u l-imputat kienu ilhom erba' snin gharajjes u qalet li kienu jghixu flimkien. Dakinhar tal-incident illetikaw u b'accident imbuttaha u waqghet it-tarag kollu u kisret idejha. Ghamlet tlett gimghat l-isptar.

1 Seduta tal-24 ta' Frar 2016
2 a fol 2 tal-process
3 Seduta tat-8 ta' Mejju 2017

Hija giet operata izda baqghet issosfri l-konsegwenzi ghaliex ma tistax tgholli jdejha l-leminija sew. Hija xehdet li kien accident. Hija ma marritx tirrapporta ghax ma xtaqitx tkabbar l-affarijiet u riedet tahfirlu. Imbaghad irrappurtat wara li nqala' argument bejn l-imputat u huha u l-imputat irrappurtah u hija ddecidiet li taghmel l-istess.

Min-naha tieghu l-imputat xehed li huwa kien f'relazzjoni mal-parte civile u kellhom xi jghidu. Huwa ddecieda li jrid itemm ir-relazzjoni u telaq b'argument minn darha u mar id-dar tieghu. Wara hija marret ghandu u regghu argumentaw. Xehed li kellu inkwatru, Michaelina Frendo marret tahlef fuqu u ra tigirfu u tghajrilha jdejha minn fuq l-inkwatru. Kienu qeghdin fuq targa, hija daret biex tirritalja u mbarmet fuq targa u b'konsegwenza ta' hekk waqghet u kisret spallitha. Giet fuq il-minkeb u kisret idejha u spallejha. Huwa hadha l-isptar u baqa' maghha u kien imur jaraha kuljum u baqghu fir-relazzjoni. Kwazi sentejn wara gara incident ma' huha fejn dan tal-ahhar qataghlu bicca minn widnejh. B'hekk il-parte civile irrappurtat lilu ghaliex huwa rrapporta lil huha. Huwa esebixxa r-ritratt tal-lok fejn sehh l-incident. In kontro-ezami l-imputat qal li Frendo waqghet biss targa wahda. Huwa cahad li imbuttaha.

Ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet li ma jikkombacjawx. Dan pero' ma ghandux iwassal awtomatikament ghal-liberatorja.

Il-Qorti tqis li wara li qieset iz-zewg versjonijiet moghtija tqis li dik ta' Michaelina Frendo hija aktar vicin ta' dak li gara. Partikolarment mir-ritratt li gie ezebit mill-imputat juri li ma jistax ikun li hija mbarmet wahedha ghaliex l-inkwatru huwa ftit 'il boghod mit-tarag. Hija ferm aktar kredibbli l-versjoni li l-imputat waqt l-argument imbottaha lill-istess Frendo li b'konsegwenza ta' hekk waqghet hames targiet u wegghet.

Huwa minnu li Michaelina Frendo ma marritx tirrapporta mill-ewwel u marret biss wara li l-imputat u huha kellhom xi jghidu u l-imputat irrappurtah, izda dan ma jfissirx li l-imputat ghandu jigi liberat ghaliex id-delitt effettivament sehh.

L-imputat jinsab ukoll addebitat bl-aggravju ai termini tal-artikolu 202(h)(v) tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jipprovdi li l-piena

ghandha tizdied bi grad meta d-delitt jitwettaq fuq *persuna oħra li tkun qegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet qegħda tgħix mal-ħati matul perjodu ta' sena qabel ir-reat.* Ghalkemm dan l-artikolu jinsab fis-sub-titolu differenti minn dak tal-artikolu 218 tal-Kapitolu, fil-fatt hemm referenza ghalih fl-artikolu 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali li huma c-cirkostanzi aggravanti. Biss pero' ghalkemm Michaelina Frendo xehdet li huma kienu jghixu flimkien ma harigx mill-provi li hija kienet ilha tghix mieghu matul il-perjodu ta' sena qabel ir-reat.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura u c-cirkostanzi kollha tal-kaz u kif ukoll il-fedina penali tal-imputat li hlief ghal kontravenzjoni li tirrisali ghas-sena 1982 hija wahda netta. Tqis ukoll li Michaelina Frendo hafret lill-imputat b'mod inkondizjonat. Fid-dawl ta' dan kollu tqis li ghandha tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 218(1)(a) tal-Kodici Kriminali ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin. L-imputat mhux qieghed jinstab hati tac-cirkostanza aggravanti u minnha tilliberah.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-imputat ihallas l-ammont ta' €255 rapprezentanti hlas tal-espert nominat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**